

Brussell, 11 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

12907/19

SOC 661
ANTIDISCRIM 37
JAI 1041
MI 702
FREMP 142

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	It-tisħiħ tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea - dibattitu ta' orjentazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota ta' gwida mħejjija mill-Presidenza, maħsuba biex tiffaċilita d-diskussjoni fil-Kunsill EPSCO fl-24 ta' Ottubru 2019.

It-tisħiħ tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea

1. Id-diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea

L-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Il-mira tal-Unjoni hija li tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha u l-benessri tal-popli tagħha. Barra minn hekk, l-Unjoni għandha wkoll, fost affarijiet oħra, tiġġieled kontra d-diskriminazzjoni.

L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipprojbixxi kull diskriminazzjoni bbażata fuq kwalunkwe raġuni, inkluż is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

Madankollu, persuna waħda minn kull ħamsa fl-Unjoni Ewropea ggarra diskriminazzjoni jew fastidju għal raġunijiet differenti jew għal kombinazzjoni ta' raġunijiet¹. Xi gruppi, bħal minoranzi fi ħdan minoranzi, pereżempju persuni transġeneri bi sfond ta' immigrazzjoni, jirriskjaw li jsiru vittmi ta' diskriminazzjoni, fastidju sesswali u vjolenza aktar spiss minn oħrajn. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, id-diskriminazzjoni intersezzjonali mhijiex koperta mil-leġislazzjoni nazzjonali.

Barra minn hekk, l-impatt ekonomiku tad-diskriminazzjoni fuq l-Istati Membri jwassal għal telf fil-PDG u telf fid-dħul mit-taxxa kif ukoll żieda fl-ispejjeż relatati mal-kura tas-saħħa u servizzi oħra. Spiss id-diskriminazzjoni ma tiġix ikkastigata.

Nuqqas ta' rappurtar dwar id-diskriminazzjoni huwa mifrux ukoll: lakuni fil-leġislazzjoni jew implimentazzjoni mhux effettiva jistgħu jwasslu messaġġ żbaljat li xi forom ta' diskriminazzjoni huma ttollerati. 62 % tal-popolazzjoni tal-UE taqbel li huma meħtieġa miżuri ġodda biex jingħalqu l-lakuni eżistenti fil-protezzjoni².

¹ Il-Kummissjoni Ewropea (2015), Ewrobarometru Speċjali 437: *Discrimination in the EU in 2015* (Id-diskriminazzjoni fl-UE fl-2015).

² Ibid.

2. Ir-rwol u l-importanza tal-proposta għal Direttiva dwar it-Trattament Ugwali

Sabiex jimplimentaw il-lakuni fil-leġislazzjoni tal-UE dwar in-nondiskriminazzjoni, fit-2 ta' Lulju 2008 il-Kummissjoni Ewropea ħarġet proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (*Direttiva dwar it-Trattament Ugwali*, COM(2008) 426 final). Fil-preżent, dawn l-erba' raġunijiet huma koperti biss fil-leġislazzjoni tal-UE fil-qasam tal-impjiegi u tax-xogħol (id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE).

Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, il-proposta issa hija bbażata fuq l-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u teħtieġ l-unanimità fil-Kunsill u l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

Minkejja l-isforzi ta' aktar minn 20 Presidenza mill-2008 'l hawn, għadha ma nstabitx l-unanimità meħtieġa fil-Kunsill. It-tħassib tal-Istati Membri jirrigwarda b'mod speċjali ċ-ċertezza legali tad-direttiva proposta, id-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, u l-impatt konkret tad-direttiva, inklużi l-ispejjeż finanzjarji.

Irrispettivament mill-mandat u l-obbligu tal-UE li tikkumbatti attivament id-diskriminazzjoni, is-sitwazzjoni attwali tal-leġislazzjoni tal-UE fil-qasam tan-nondiskriminazzjoni toħloq "ġerarkija" artifiċjali ta' raġunijiet protetti ta' diskriminazzjoni.

3. It-tiżiż tal-ġlied kontra d-diskriminazzjoni: it-toroq 'il quddiem

Il-Presidenza Finlandiża qed torganizza dibattitu ta' orjentazzjoni dwar it-trattament ugwali fil-laqgħa tal-EPSCO tal-24 ta' Ottubru bil-ħsieb li jiġu esplorati modi possibbli aktar effiċjenti kif tiġi ttrattata d-diskriminazzjoni barra mill-qasam tal-impjiegi u l-okkupazzjoni.

Skont ħafna risposti mill-Istati Membri għall-kwestjonarju mibgħut mill-Presidenza Finlandiża f'Lulju 2019, il-kisba ta' qafas legali komprensiv fil-livell tal-UE hija l-mezz ewlieni għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. Skont bosta Stati Membri, il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom kontra d-diskriminazzjoni hija adegwata. Madankollu, hemm bżonn ta' implimentazzjoni aktar effiċjenti tal-leġislazzjoni eżistenti. In-nisa, il-persuni b'diżabilità, il-persuni LGBTI, il-minoranzi etniċi, inkluż ir-Rom u l-immigranti, u l-persuni foqra huma meqjusa li għandhom l-ogħla riskju li jiġu ddiskriminati. Jissemmew ukoll persuni li jiffaċċjaw diskriminazzjoni multipla jew intersezzjonali.

L-Istati Membri jsemmu l-mezzi li ġejjin għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni: ħidma strateġika inkluż Pjanijiet ta' Azzjoni fil-livell tal-UE, finanzjament mill-UE, integrazzjoni, sensibilizzazzjoni, appoġġ aktar qawwi għall-korpi tal-vittmi u tal-ugwaljanza, u l-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda. Hija rikonoxxuta wkoll l-importanza ta' data komprensiva u affidabbli dwar id-diskriminazzjoni.

o

o o

F'dan il-kuntest, il-ministri huma mistiedna jwieġbu l-mistoqsijiet li ġejjin:

- M1:** Kif tispjega l-fatt li, minkejja l-leġislazzjoni eżistenti u l-impenn politiku qawwi tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha biex jiġġieldu kontriha, id-diskriminazzjoni għadha sfida kbira fis-soċjetajiet Ewropej?
- M2:** X'qed jippjana l-gvern tiegħek sabiex jintensifika l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni?
- M3:** Meta wieħed iżomm f'moħħu l-istaġnar fin-negozjati għad-Direttiva proposta dwar it-Trattament Ugwali, x'għandhom jagħmlu b'mod partikolari l-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea li jmiss biex isolvu s-sitwazzjoni bil-ħsieb li tiżdied l-effiċjenza tal-miżuri kontra d-diskriminazzjoni u jimtlew il-lakuni fil-leġislazzjoni kontra d-diskriminazzjoni?